**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' April 2025**

**Rikors Numru 96/2023**

**Godwin Schembri**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Godwin Schembri** ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*Illi huwa applika lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinghata licenjza ta' gwardjan privat tliet darbiet (fl-2021 u fl-2022) bit-tielet darba tkun fl-14 ta' Lulju 2023. Kull darba, rifjutata mill-intimat (Dok.A1 sa A3) ingustament u illegalment u mhux b'mod ragjonevoli.*

*Illi fit-tielet darba, u cjoe fl-2023, huwa kien issottometta wkoll d-dokument miktub minnu stess u hawn immarkat Dok B, flimkien mal-applikazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija;*

*Ghal precizjoni jinghad li t-tielet rifjut, ghad li kien datat 8 ta' Gunju 2023, skond kif qed jidher mill-anness Dok. C (Ref PG/858/2021-PG/464/2022), twassal lilu fl-14 ta' Lulju 2023;*

*L-appellant huwa ferm aggravat minn din id-decizjoni u qed jappella skond il-ligi lil dan it-Tribunal peress li l-artiklu 10 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghall-appellant, iktar u iktar meta l-istess Kummissarju tal-Pulizija approva l-ghoti ta' licenzja ta' gwardjan privat lil Gaetano maghruf bhala Tano*

*Farrugia (ID 413577M) ta' Bk. C2, Fl.11, Pjazza Madonna ta' Fatima, Tal-Pieta f'Settembru 2020 (ara Government Gazzette Numru 20475 datata 1/09/2022 (avviz numru 1008) ) li kien misjub hati f'it-Tunezija ta' importazzjoni ta' 50 kilo droga lejn Malta u misjub hati wkoll ta' match fixing f'Malta ghal habta tal-2010 mal-Msida Football Club;*

*Huwa evidenti li l-intimat ha decizjoni zbaljata, irragjonevoli u wahda mhux ibbazata fuq kunsiderazzjonijiet legali u xierqa meta huwa irrifjuta t-talba tal-intimat ghall-ghoti ta' licenzja ta' gwardjan privat.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ta' rifjut tal-ghoti ta' licenzja ta' gwardjan privat lill-appellant u minflok jindikalu t-triq li kellu jiehu u cjoe dik li japprova l-ghoti ta' tali licenzja lill-intimat.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** ippreżentata fil-5 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi mingħajr preġudizzju, dwar l-ilment tar-rikorrent, jissokta jingħad li dan diġa' ġie deċiż mill-Kummissarju intimat darbtejn oħra, kif indikat mir-rikorrent stess fir-rikors promotur tiegħu u Dok. A1 u Dok A2 li ġew annessi mal-istess rikors. Tajjeb li jingħad li fl-ewwel żewġ istanzi r-rikorrent ma kienx appella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju esponenti u għalhekk kwalunkwe ilment fir-rigward ta' dawn iż-żewġ rifjuti ma jistux jiġu mistħarrġa;*

2. *Illi esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat fl-Artikoli 10(a)(iii) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent kien jifforma parti mill-Forzi Armati ta' Malta sa minn nhar il-15 ta' Jannar 2003 imma ntemmlu l-impjieg mill-istess Forzi Armati nhar it-22 ta' Novembru 2018 skont ir-regolament 45(1)(k) tal-L.S. 220.03 tal-Liġijiet ta' Malta wara li hu għamel diversi reati u ttieħdu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu. Il-Kummissarju esponenti ikkunsidra li dan jinkwadra perfettament taħt l-artikolu 10(a)(iii) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *Illi ġjaladarba dan jaqa' fil-parametri tal-artikolu 10(a) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess artikolu ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* **<u>jimponi obbligu fuq il-Kummissarju</u>** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*[1]

[1]Ara s-sentenza fl-ismijiet **George Camilleri vs Ministru tal-Intern, Sigurta' Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi et,** Rik. Nru. 57/2020. deċiża fit-26 ta' Lulju 2021 minn dan l-Onorabbli Tribunal.

5. *Illi l-artikolu 10(a)(iii) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta lanqas ma jistipola terminu ta' riabilitazzjoni fejn wara li jgħaddi perjodu ta' żmien applikazzjoni ta' dan it-tip tkun tista' tiġi milqugħa mill-esponent Kummissarju. Illi l-unika terminu ta' riabilitazzjoni jidher li jingħata biss fil-każi li jaqgħu taħt l-artikolu 10(a)(v). B'hekk hija ċara li l-leġiżlatur ried li applikazzjoni tkun rifjutata dejjem u fi kwalunkwe każ jekk tkun tissussisti s-sitwazzjoni kontemplata taħt l-artikolu 10(a)(iii) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta ġjaladarba m'hemm indikat ebda terminu ta' riabilitazzjoni;*

6. *Illi magħdud mal-premess jidher ċar li l-leġiżlatur ried li persuni li ġew mkeċċija minn dixxiplina militari, bħal ma huma l-Forzi Armati ta' Malta, m'għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli. Naturalment li kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni li jagħti xi tip ta' diskrezzjoni allura huwa kien isemmiha fil-liġi u dan in omaġġ għall-prinċipju ubi lex voluit dicit, ubi noluit tacuit;*

7. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat bħala konsegwenza ta' għemilu stess. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol;*

8. *Illi barra minn hekk u mingħajr preġudizzju, jingħad li ladarba m'hemm l-ebda ċirkostanzi jew fatti ġodda relatati ma dan il-każ odjern, jingħad li bħalma fl-2021 u l-2022 l-Kummissarju kien aġixxa b'mod ġust u mal-liġi meta rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent, l-istess reġgħa għamel fil-kawża odjerna meta reġgħet ġiet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrent fl-2023. Infatti, ir-rikorrent stess jistqarr li l-unika raġuni li hu għandu jingħata liċenzja ta' gwardjan privat huwa għaliex terza persuna, li m'għandhiex x'taqsam mal-każ odjern, ngħatat liċenzja. Tassew jingħad li dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex qiegħed hemm biex joqgħod jikkompara x'ġara f'każi oħra ta' persuni li m'għandhomx jaqsmu mar-rifjut tal-applikazzjoni odjerna, imma biex jikkonsidra ċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ preżenti u jiskrutinja jekk il-Kummissarju esponenti, fil-każ preżenti, mexiex mal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta meta rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent. Għalhekk ċirkostanzi ta' kawżi oħra li ġraw lil terzi persuni m'għandhomx jiġu mistħarrġa f'din il-kawża imma għandhom jiġu mistħarrġa biss fil-kawżi relevanti li jiftħu dawk l-istess terzi persuni, stante li huma biss għandhom interess ġuridiku jagħmlu l-ilment rispettiv. Fid-dawl ta' dan u mir-rikors promotur jidher ċar li dan l-appell huwa kompletament frivolu u vessatorju u sar solament għal fini ta' sensazjonaliżmu;*

9. *Ili finalment **b'referenza għat-talba** hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi (ara l-*

*aħħar paragrafu ta' paġna 6 tas-sentenza* ***Paulseph Pirotta vs Kummissarju tal-Pulizija*** *deċiża fit-28 ta' April 2022)*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Sema' lir-rikorrent;

Sema' x-xhieda mressqa mill-Kummissarju intimat;

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 8 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

***"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.***

***Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(iii) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress illi jirrizulta li inti tkeccejt mill-Forzi Armati ta' Malta minhabba xi nuqqas fl-imgieba."***

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa bniedem ta' kondotta nadifa u għamel sittax-il sena mal-Forzi Armati ta' Malta fejn serva anke bħala uffiċjal tas-sigurta` mal-President ta' Malta u ma' eks Prim Ministru ta' Malta, apparti li wkoll għallem studenti mal-Forzi Armati.

Spjega li f'Novembru tal-2018 kienet saret ċajta bejn numru ta' kollegi waqt li kienu fuq xogħolhom rigward grada. Din iċ-ċajta ġiet iffilmjata u l-video ħareġ fil-pubbliku, wara liema huwa ġie mkeċċi mill-Forzi Armati immedjatament. Xehed li wara din it-tkeċċija huwa għamel protest ġudizzjarju u wkoll beda proċeduri kostituzzjonali kontra l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati.

**L-Ispettur Sarah Magri** xehdet illi r-rikorrent applika tliet (3) darbiet għal-liċenzja ta' gwardjan privat, u ċioe` darbtejn fl-2021 u darba fl-2023. Dawn it-tliet (3) applikazzjonijiet kollha ġew miċħuda għall-istess raġuni,

bir-raġuni tkun it-tkeċċija tiegħu mill-Forzi Armati ta' Malta minħabba passi dixxiplinarji li ttieħdu fil-konfront tiegħu. Spjegat li l-uffiċju tal-liċenzji ma jistaqsix ir-raġuni ta' tali tkeċċija, u ċioe` abbażi ta' liema għemil ikunu ttieħdu l-passi dixxiplinarji li wasslu għat-tkeċċija tal-applikant.

**Il-Kaptan Jessica Galea,** uffiċjal tal-Forzi Armati fil-branka tar-riżorsi umani, xehdet illi r-rikorrent kien ġie ngaġġat mal-Forzi Armati fl-2003 u twaqqaf mis-servizz fl-2018 fuq azzjonijiet dixxiplinarji li kellu matul is-snin. Spjegat li r-rikorrent kellu tnejn u għoxrin (22) *company offence* li sarrfu eventwalment f'*official warning*. Apparti dan, ingħata żewġ *official warnings* oħra fuq żewġ każijiet kriminali li kellu. Hija esebiet il-*history* tal-azzjonijiet dixxiplinarji li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent.[2]

In kontro-eżami l-Kaptan Galea xehdet illi r-rikorrent m'għaddiex proċeduri quddiem Qorti marzjali. Spjegat li l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati għandu d-diskrezzjoni li jkeċċi uffiċjal immedjatament, kif ġara f'dan il-każ abbażi ta' l-azzjonijiet dixxiplinarji kollha li kellu r-rikorrent. Hija esebiet ukoll ittra datata 23 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha l-impjieg tar-rikorrent ġie mwaqqaf fl-interess tas-servizz.[3]

Il-Kummissarju intimat esebixxa vera kopja tax-xhieda tal-**Brigadier Jeffrey Curmi** mogħtija fil-kawża Rikors Ġuramentat Nru. 207/2019 fl-ismijiet ***Godwin Schembri vs Il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta***. Il-Brigadier Curmi xehed illi r-rikorrent tkeċċa għax kellu sensiela twila ta' *charges* militari, wettaq reati kriminali u kellu wkoll tliet (3) *official warnings*. Spjega li c-*charges* ma joħroġhomx hu u wisq inqas jiddeċidihom hu. Fir-rigward tat-tkeċċija tar-rikorrent, il-Brigadier Curmi spjega li huwa ra l-passat tiegħu, għajjatlu fl-uffiċju tiegħu u spjegalu l-fatti kollha. Fir-rigward tal-*video* li ħareġ fil-pubbliku, huwa xehed li kien il-*commanding officer* li ħa l-passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent. Wara li ttieħdu dawn il-passi, l-Brigadier xehed li huwa daħal fl-istorja tar-rikorrent u sab sensiela ta' *charges* militari, fedina penali maħmuġa u tliet (3) *official warnings* u ħa d-deċiżjoni li jkeċċieh fl-interess tas-servizz. Xehed li mill-*video* li kien qed jiċċirkola huwa seta' jara s-sewqan perikoluż b'vettura militari.

---

[2] Dokument JG1 a fol. 103 *et sequitur*
[3] A fol. 112

**Ikkunsidra:**

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq artikolu 10 (a) (iii) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita'), liema artikolu jgħid is-segwenti, u ċioe`:

*"Il-Kummissarju* ***għandu***[4] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

*(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġieba;"*

Mill-Att ta' Akkuża maħruġ skont l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta jirriżulta li fil-21 ta' Novembru 2018 ir-rikorrent instab ħati li fid-19 ta' Novembru 2018 huwa rrenda ruħu ħati li saq vettura militari b'mod perikoluż.[5] Mix-xhieda tal-Kaptan Galea jirriżulta illi din kienet l-aħħar waħda minn sensiela ta' offiżi militari li r-rikorrent instab ħati tagħhom tul il-karriera tiegħu ta' ċirka sittax-il sena. Dawn l-offiżi militari jinsabu elenkati a fol. 53 tal-proċess, b'kull waħda dettaljata mbagħad minn fol. 103 sa fol. 171.

Illi r-rikorrent jisħaq illi l-offiżi militari li nstab ħati tagħhom huma ta' importanza żgħira. Minn ħarsa lejn l-istess offiżi, it-Tribunal jinnota li dawn kienu jirrigwardaw is-segwenti, u ċioe`:

1. Għemil għad-detriment tal-buon ordni tad-dixxiplina militari f'iktar minn okkazjoni waħda;
2. Tluq minn dmir militari mingħajr permess;
3. Nuqqas ta' ubbidjenza ta' ordnijiet permanenti f'iktar minn okkazjoni waħda;
4. Assenza mingħajr permess;
5. Nuqqas ta' ubbidjenza ta' kmand leġittimu għal iktar minn okkazjoni waħda;
6. Użu ta' kliem ta' subordinazzjoni ma' uffiċjal superjuri f'iktar minn okkazjoni waħda;
7. Nuqqas ta' attendenza għal dmir militari;
8. Użu ta' kliem ta' theddid ma' uffiċjali superjuri.

---

[4] Enfasi tat-Tribunal
[5] A fol. 170 u 171

Illi dawn l-offiżi u wkoll żewġ kawżi kriminali li kellu r-rikorrent fil-konfront tiegħu kienu konsegwenza ta' tliet (3) *official warnings* u ċioe` waħda fl-24 ta' Settembru 2009, waħda fl-1 ta' Lulju 2015 u oħra fid-9 ta' Lulju 2015.[6] Minkejja dan ir-rikorrent żamm postu fl-Armata u kien biss wara li nqabad isuq b'mod perikoluż vettura tal-Armata li tkeċċa.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi m'għandux għalfejn jidħol fid-dettal fuq dak riportat hawn fuq u dana għaliex mhux il-forum kompetenti biex jeżamina kwalunkwe lanjanzi li r-rikorrenti jista' għandu fir-rigward tat-tkeċċija tiegħu mill-Armata. It-Tribunal jifhem li r-rikorrent qiegħed jisfida l-istess tkeċċija quddiem il-forum kompetenti.

Illi lanqas ma kien kompitu tal-Kummissarju intimat li jidħol fil-mertu tat-tkeċċija. Dana għaliex ladarba rriżultalu li r-rikorrent kien ġie mkeċċi mill-Armata, ma seta' jeżerċita ebda tip ta' diskrezzjoni biex proprju joħroġ l-istess liċenzja. Fejn il-liġi riedet li l-Kummissarju intimat ikollu diskrezzjoni, dan qalitu b'mod mill-iktar ċar bħal pereżempju wieħed isib f'artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita'), u ċioe` meta l-Kummissarju intimat jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li ma tinħariġx tali liċenzja. Hawnhekk il-Kummissarju ġie fdat bid-diskrezzjoni li jevalwa ċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu qabel jieħu d-deċiżjoni tiegħu. Pero` fejn si tratta ta' tkeċċija mill-Forzi Armati ix-xenarju ma jħalli ebda tip ta' diskrezzjoni f'idejn il-Kummissarju intimat. Kif, *del resto*, m'għandu ebda diskrezzjoni dan it-Tribunal li jiddeċiedi mod ieħor minn kif iddeċieda l-Kummissarju intimat.

Illi t-Tribunal jirrileva illi kuntrarjament għal dak sottomess mir-rikorrent fit-trattazzjoni orali, hawnhekk ma tidħolx kwistjoni ta' raġjonevolezza jew inkella l-kwistjoni jekk il-Kummissarju ħax in konsiderazzjoni ċirkostanzi rrilevanti, u dan proprju għar-raġuni msemmija iktar 'il fuq.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal wara li qies li l-Kummissarju intimat ġab prova li r-rikorrent ġie mkeċċi mill-Forzi Armati ta' Malta, iqis li d-deċiżjoni li tiġi rifjutata l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat hija tajba fil-fatt u fid-dritt.

## DECIDE

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-

[6] A fol. 113

deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 08 ta’ Ġunju 2023 u jilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**